**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 610/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Hassan Jama Hassan**
**(Detentur tan-numru tal-Pulizija 13Q-051)**

**Illum, 6 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Hassan Jama Hassan** ta' 21 sena, iben Jama Hassan Farah u Hawa Isa Barre, imwieled is-Somalia nhar l-1 ta' Jannar 1999, residenti ġewwa Santa Rita House, Triq il-Kartaġiniżi, Birżebbuġia u detentur tan-numru tal-Pulizija 13Q-051;

Akkużat talli nhar il-11 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħaxija (22:45 hrs), ġewwa l-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġia:

1. Bil-ħsieb li joqtol lil Awes Abdulkadir Mumin jew li jqiegħdlu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Awes Abdulkadir jew iġiblu disordni f'moħħu, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, billi xejjer diversi daqqiet b'sikkina, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu;

2. Ukoll talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, ikkommetta offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-imsemmija Awes Abdulkadir Mumin hekk kif iċċertifika Dr. Carlo Refalo (Med Reg. 3235);

3. Kif ukoll talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Ukoll talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi, fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna ta' Awes Abdulkadir Mumin, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat Hassan Jama Hassan wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;[1]

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2021, li permezz tagħha indika illi jidhirlu illi mill-kumpilazzjoni tista' tinstab ħtija fl-imputat taħt dak maħsub:

1. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) u 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 6, 51(2) u 55 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022, l-imputat iddikjara illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bil-proċedura sommarja u dan wara li nqrat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2021;[3]

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

---

[1] Ara a fol. 18 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 133 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 148 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ispettur Janetta Grixti** tixhed illi nhar il-11 ta' Novembru għall-ħabta tal-11.15 p.m. jew il-11.20 p.m., ġiet infurmata mis-Surġent Julian Callus illi kien hemm inċident ta' *stabbing* li fih persuna talbet sigarett lil persuna oħra li kien jinsab ġewwa l-Bajja s-Sabiħa ta' Birżebbuġia u illi x'ħin dan tal-aħħar qallu li ma kellux sigaretti, tal-ewwel ħareġ sikkina, beda jxejjirha u laqat lill-ieħor. Skont dak li ntqal lilha mis-Surġent, il-vittma mar ġewwa l-Għassa ta' Birżebbuġia u qalilhom li ma kienx jaf x'jismu l-aggressur, iżda kien jaf fejn joqgħod. Għalhekk ħadhom fil-post tar-residenza tal-allegat aggressur, fejn hemmhekk instab l-imputat, barra, li kien qed ipejjep sigarett. Hija ordnat l-arrest tal-imputat u dan ittieħed ġewwa l-*lock-up*. L-għada huwa rrilaxxja stqarrija, li tinsab esebita fl-atti proċesswali bħala Dok. JG 1.[4]

Din l-istqarrija hija ffirmatha mill-Ispettur Grixti[5], mill-imputat u minn RPC 3058 Jesmond Saliba[6]. Jirriżulta mill-istess stqarrija illi din ittieħdet lill-imputat wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, ittra bid-drittijiet ai termini tal-Iskeda E tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-istqarrija tiegħu u li jkun assistit waqt l-istess stqarrija. Jirriżulta wkoll illi huwa kkonsulta ma' Dr. Noel Bartolo qabel l-interrogatorju tiegħu, iżda għażel li ma jkunx assistit waqt l-istess interrogatorju.

**In kontro-eżami**, l-Ispettur Grixti tixhed illi dakinhar li ttieħdet l-istqarrija tal-imputat, l-istess imputat kien ġie assistit mill-interpretu. Tixhed ukoll illi l-imputat żgħur ma jafx jitkellem bil-Malti u illi bl-Ingliż kien jifhem ftit. Għalhekk l-imputat ġie assistit minn interpretu mill-Ingliż għall-Għarbi. Tgħid ukoll illi l-ittra tad-drittijiet ingħatat lilu ġewwa l-għassa u anke fil-*lock-up,* mhux fil-presenza tagħha, u lanqas bl-assistenza ta' interpretu. Tixhed in oltre illi hija staqsietu kienx ingħata d-drittijiet tiegħu u huwa weġibha fl-affermattiv.[7] Iżjed tard iżżid tixhed madankollu illi dakinhar li ttieħdet l-istqarrija tal-imputat, l-ittra tad-drittijiet kienet ingħatat lilu bl-Ingliż u ġiet tradotta mill-interpretu lill-imputat għal-lingwa Għarbija, u dan fil-presenza tagħha.[8]

**PS 1573 Julian Callus** jixhed illi nhar il-11 ta' Novembru għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħaxija (10.45 p.m.), daħal ċertu Awes Abdul Kadir ġewwa l-Għassa ta' Birżebbuġia, li rrapporta lill-*orderly* li kien għadu kif qala' daqqiet ta' sikkina. Huwa staqsieh jekk kienx jaf min tah dawn id-daqqiet, u dan wieġeb li kien jaf fejn joqgħod l-aggressur. Għalhekk huma pproċedew bil-pass lejn il-

[4] Ara a fol. 7 *et seq* tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Janetta Grixti, a fol. 21 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara x-xhieda tal-Ispettur Janetta Grixti, *inter alia,* dwar l-istqarrija tal-imputat a fol. 62 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara x-xhieda ta' RPC 3058 Jesmond Saliba a fol. 72 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol. 170 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol. 173 tal-proċess.

fond 'Santa Rita House', Triq il-Kartaġiniżi, Birżebbuġia, żewġ kantunieri mill-għassa, fejn hekk kif waslu fuq it-taraġ, dan indika lill-imputat mill-ewwel bħala l-persuna li kienet aggredietu. Jixhed ukoll illi dak il-ħin stess huwa fittex fuq il-persuna tal-imputat għal sikkina, iżda ma nstab xejn. Jixhed in oltre illi bagħat lill-Pulizija jduru ġewwa l-akkwati, ossia fi kliemu "*dawn iz-zewg toroq*"[9], iżda baqa' ma nstab xejn. Jgħid illi l-imputat ma kellux dokumenti fil-pussess tiegħu, iżda kellu *screenshot* tad-dokumenti tiegħu fuq il-*mobile phone*. Huwa ta lill-imputat id-drittijiet tiegħu bil-lingwa Ingliża, u nforma b'dan kollu lill-Ispettur, li ordnat li l-imputat jinżamm fil-*lock-up*. Il-vittma mbagħad telaq mill-għassa bl-ambulanza. Muri r-rapport esebit bħala Dok. JG 5, ix-xhud jikkonferma li dan huwa r-rapport tiegħu tal-inċident in kwistjoni.[10] **In kontro-eżami** x-xhud jixhed illi huwa wasal biex jidentifika lill-imputat odjern għaliex kien indikah il-vittma u illi huwa ma kien ra xejn. Jgħid ukoll illi ma saritx tfittxija fir-residenza tal-imputat, illi huma sabuh barra r-residenza, illi huwa ma jafx jekk din kienx jgħix fiha l-imputat, iżda li l-vittma qalilhom illi dan kien ikun hemmhekk. Jgħid in oltre illi l-imputat dak il-ħin ma kienx waħdu, illi kien hemm diversi persuni oħra miegħu, iżda l-vittma identifikah mill-ewwel. Fi kliemu: "*Morna u ddentifikahuli, qalli: "Dak hu." Ma kienx hemm tlaqliq, mal-ewwel. "Dak hu."*"[11] Jixhed ukoll illi l-vittma kellu diversi ġrieħi ma' wiċċu, ma' dahru u ma' idu ossia daqqiet ta' xi ħaġa bil-ponta. Dwar dan ix-xhud jgħid hekk: "*ejja nghidu b'sikkina ghax hu b'sikkina beda jghid. Ma nafx ta' xhiex, imma hekk beda jghid li ta' sikkina*"[12], kif ukoll illi l-vittma wrieh li kellu d-daqqiet f'ġismu. Mistoqsi jispeċifika x'kien ra, huwa jixhed illi ra ġrieħi fuq idu x-xellugija, fuq dahru u fuq xufftejh, kif ukoll illi l-art ġewwa l-għassa kienet miksija demm.[13]

**Awes Abdul Kadir Munir** (indikat fir-rapport tal-Pulizija bħala Awes Abdulkadir Mumin) jixhed illi nhar il-11 ta' Novembru 2020, wara li spiċċa mix-xogħol għall-ħabta tal-għaxra neqsin ftit, huwa kien sejjer id-dar filwaqt illi kien qed iġorr tliet birer f'idejh. Jixhed illi l-imputat, li huwa identifikah fl-awla, mexa warajh waqt li kienu qegħdin Birżebbuġia, qabdu mill-but ta' wara u aggredih b'sikkina fuq xofftejh, u dan wara li rrifjuta li jagħtih sigaretti u birra. Jgħid illi huwa baqa' sejjer iżda l-imputat ippersista u baqa' jaggredih b'daqqiet ta' sikkina f'dahru. Jgħid ukoll illi huwa ġera lejn l-Għassa tal-Pulizija, li kellu ħafna demm ħiereġ u li la darba fl-Għassa tal-Pulizija, huwa waqa'. Sussegwentement, mar flimkien mal-Pulizija, sabiex isibu lill-imputat u fil-fatt dan instab mill-Pulizija. Ix-xhud jgħid ukoll illi l-imputat kien diġa` aggredih jumejn qabel, liema aggressjoni dakinhar seħħet bl-użu ta' ċintorin u li inċident simili kien seħħ madwar tlett snin qabel, liema episodji nisslu biżgħa fih. Huwa indika lill-Qorti

---

[9] A fol. 26 tal-proċess.
[10] Ara dan ir-rapport, a fol. 13 *et seq* tal-proċess.
[11] A fol. 30 tal-proċess.
[12] A fol. 30 tal-proċess.
[13] A fol. 24 *et seq* tal-proċess.

illi fl-aħħar inċident, mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien sofra diversi ġrieħi, u ċioe` fuq xofftu, diversi fuq in-naħa tax-xellug ta' dahru u anke lejn in-nofs ta' dahru u fuq il-minkeb.[14] Riprodott ix-xhud esebixxa żewġ ritratti li juru l-ġrieħi li huwa sofra f'dan il-każ[15] u jixhed illi huwa kien qed jaħfer lill-imputat.[16] Riprodott għal darb'oħra jixhed ukoll illi fil-ħin tal-inċident ma kienx hemm persuni oħrajn preżenti.[17]

**Dr. Carlo Refalo** jixhed dwar iċ-ċertifikat rilaxxjat minnu fil-konfront ta' Awes Abdulkadir u dan fis-sens illi huwa kkonferma l-kontenut tal-istess ċertifikat, mil-liema jirriżulta illi dan iġib id-data tal-11 ta' Novembru 2020 u illi dakinhar fil-11.15 p.m., huwa sab illi dan kien qed isofri minn "*multiple superficial stab wounds involving skin to the left upper limb and back. Sutured.*"[18], kif ukoll illi l-grieħi kienu ħfief salv kumplikazzjonijiet. Jixhed ukoll illi allegatament, il-vittma kien involut fi ġlieda b'arma taqta' u kellu diversi qatgħat superfiċjali li jinvolvu l-ġilda, kif ukoll illi xi wħud minnhom kienu jeħtieġu l-punti. Muri r-ritratti esebiti mill-vittma, Dok. AAM, huwa jikkonferma illi dawn huma l-feriti li huwa xehed dwarhom fix-xhieda tiegħu.[19] Riprodott u mistoqsi jekk setax kien il-każ illi dawn il-ġrieħu kienu *self-inflicted*, ix-xhud jixhed illi "*fid-dahar daqsxejn difficli biex jaghmilhom hu*".[20]

**WPC 358 Charmaine Gaffarena** tixhed illi fil-11 ta' Novembru 2020, fl-10.30 p.m. kien daħal fl-għassa ċertu Awes, li waqa' fl-art. Deher panikuż u ċemplu għall-ambulanza. Tgħid ukoll illi fil-frattemp ċemplu lil PS 1573 u mar immedjatament ġewwa l-għassa. Tixhed in oltre illi l-vittma qalilhom illi kien hemm persuna li talbitu xi sigaretti, iżda hu ma kellux fuqu, u għalhekk dan beda jxejjirlu daqqiet ta' sikkina. Hija tgħid illi l-vittma kien urihom il-ġrieħi li kien ġarrab fuq xofftejh, kif ukoll fuq idu x-xellugija u anke f'dahru u illi huma setgħu jaraw xi qatgħat li kellu fuq il-ġilda. Hekk kif wasal PS 1573, dan talab lill-vittma biex jurih fejn seħħ il-każ u illi sussegwentement dawn ħaduh fuq il-post, filwaqt illi hi baqgħet tistenna l-ambulanza ġewwa l-għassa.[21]

## Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti se titratta punt imqajjem mid-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha u dan fis-sens illi l-istqarrija ġiet rilaxxjata mill-imputat bil-lingwa Ingliża, u dan meta jirriżulta illi l-imputat ma tantx jifhem bil-lingwa Ingliża, tant illi

[14] A fol. 33 *et seq* tal-proċess.
[15] Ara Dok. AAM, a fol. 51 u 52 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 47 *et seq* tal-proċess.
[17] A fol. 88 *et seq* tal-proċess.
[18] Ara Dok. JG 4, a fol. 12 tal-proċess.
[19] A fol. 53 *et seq* tal-proċess.
[20] Ara a fol. 96 tal-proċess.
[21] A fol. 56 *et seq* tal-proċess.

matul il-proċeduri nħatar interpretu sabiex jassistih. Skont id-difiża, għalhekk, din l-istqarrija għandha tiġi skartata, stante illi hemm dubju serju kemm l-imputat fehem id-drittijiet mogħtija lilu u l-mistoqsijiet li sarulu.

Il-Qorti qed tqis fir-rigward illi jirriżulta ċar mix-xhieda tal-Ispettur Janetta Grixti, illi l-imputat kien assistit minn interpretu mill-Ingliż għall-Għarbi meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu. Fir-rigward tinnota illi fis-seduta tal-4 ta' Awwissu 2022, il-Qorti ħatret interpretu mil-lingwa Maltija għal dik Għarbija sabiex jassisti lill-imputat u dan wara li l-istess imputat ikkonferma li huwa jifhem b'din il-lingwa[22], u għalhekk il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita illi l-imputat kien qed jifhem dak li kien qed jiġi mistoqsi lilu meta ġie biex jirrilaxxja l-istqarrija. Jingħad ukoll illi għalkemm fil-bidu tal-kontro-eżami tagħha, l-istess Spettur Grixti tixhed illi l-imputat ma kienx assistit minn interpretu meta ngħata l-ittra tad-drittijiet tiegħu, iżjed tard fl-istess seduta tikkoreġi dan u tixhed illi l-ittra bid-drittijiet tiegħu ngħatat lilu bl-Ingliż u ġiet tradotta mill-interpretu għal-lingwa Għarbija, filwaqt illi kkonfermat illi dan sar fil-presenza tagħha; fatt dan li kienet insietu – u hawn il-Qorti tinnota illi dan il-kontro-eżami sar kważi sentejn wara l-akkadut - iżda ftakritu ftit tal-mumenti wara, hekk kif tkellmet mal-interpretu, u kkonfermat bil-ġurament tagħha li dan seħħ fil-presenza tagħha. Jirriżulta għalhekk illi dakinhar li ġiet rilaxxjata l-istqarrija tal-imputat, huwa ngħata d-drittijiet tiegħu bil-lingwa Għarbija u rrilaxxja l-istess stqarrija waqt li kien assistit minn interpretu għal din il-lingwa, b'dan għalhekk illi l-Qorti tqis illi ma hemm xejn irregolari fil-mod li bih ittieħdet l-istqarrija lill-imputat. Irid jingħad ukoll illi wara kollox fl-istess stqarrija, filwaqt illi l-imputat irrikonoxxa illi kien jaf lill-allegat vittma, huwa ċaħad illi kien aggredih b'sikkina jew illi kien fil-pussess ta' xi sikkina, kuntrarjament għal dak li jallega Awes Abdulkadir.

### Ikkunsidrat ukoll:

Il-Qorti tqis illi l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju indika fl-ewwel lok l-artikoli 214, 215, 221(1) u 221(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Dawn l-artikoli jgħidu hekk:

> 214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.
>
> 215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.

[22] Ara a fol. 154 tal-proċess.

221. (1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.

(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin.

L-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali, li għalih jirreferi is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 221, imbagħad, jgħid hekk:

217. L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strumentli jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korrożiv...

Fir-rigward tan-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, ingħad hekk fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Grech et</u>**:

"Issa x'inhi ir-*ratio legis* wara n-nota ta' rinviju ghal gudizzju, li hija ekwiparata mal-att ta'l-akkuza? L-Avukat Generali, wara li lilu jkunu gew mibghuta mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali l-atti tal-kumpilazzjoni maghmula kontra l-imputat, jista' jibghat lura lil dik il-qorti dawk l-atti din id-darba biex issa hija tiddeciedi fuq il-htija o meno tieghu **<u>u dan skont ir-reati hemmhekk addebitati lill-istess imputat</u>**. Dan ifisser illi minn dan il-mument l-Qorti tal-Magistrati tigi adita mill-Avukat Generali bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali u mhux iktar bhala Qorti Istruttorja. Ma huwiex qieghed iktar isejjah lill-Qorti, l-Avukat Generali, sabiex tikkompila l-provi biss, sabiex tigbor l-evidenza bil-ghan illi din tigi ippreservata ai fini tal-hrug ta' l-att ta' l-akkuza. Issa bin-nota ta' rinviju ghal gudizzju il-Qorti qed tigi imsejjha tasal ghal gudizzju finali fuq il-kaz pprezentat quddiemha. Mill-mument allura illi l-Qorti tal-Magistrati tircevi in-nota ta' rinviju ghal gudizzju u cioe' dik illi ghandha l-istess rwol ta' l-att ta' l-akkuza, minn dak il-mument il-funzjoni tal-qorti hija wahda differenti – mhux izjed dik kumpilatorja, izda issa dik decizjorja. **<u>Il-funzjoni tar-rinviju ghal gudizzju huwa semplicement illi ifassal it-termini li fuqhom il-Qorti tal-Magistrati issa ghandha tiddeciedi l-kawza</u>** u dan meta l-Avukat Generali jiddecidi li ma jqieghedx lill-imputat taht att tal-akkuza, u ghalhekk jibghat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati **<u>biex tiddecidi l-kawza hija stess skond it-termini tar-rinviju</u>**. [enfasi ta' din il-Qorti]

Dik il-Qorti żiedet tgħid ukoll:

> "Illi ghalhekk "fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu in konnessjoni ma' l-atti tal-kumpilazzjoni l-Avukat Generali ghandu poteri diskrezzjonali importanti u f'certi kazi u f'certu sens jagixxi f'vesti ta' gudikant ...(*omissis*) ... L-Avukat Generali ghandu mhux biss id-dover li jara li l-atti tal-kumpilazzjoni, li fuqhom necessarjament l-Att ta' l-Akkuza jrid ikun ibbazat, ikunu istruwiti tajjeb, izda l-legislatur ipprovdilu mezzi u poteri indiskutibbilment idoneji biex fi zmien ragonevoli u minghajr pregudizzju indebitu ta' l-akkuzat, ikun jista' jespleta dan l-inkarigu li tafdalu l-istess ligi."[23] ...(*omissis*) ... imbaghad l-Avukat Generali jekk jidhirlu illi mill-provi migbura fl-Istruttorja jirrizulta reat li jaqgha fil-kompetenza estiza tal-qorti inferjuri, allura jadixxi lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali u dan fit-termini ta' l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali b'rinviju, <u>indirizzat lil dik il-Qorti</u>, li fih huwa jispjega t-termini li bihom l-Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza u dan meta jindika mhux biss ir-reati li dwarhom tista' tinstab htija fil-konfront ta' l-imputat, izda ukoll jekk il-Qorti ghandhiex tisma' xi xhieda ohra qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha."

Dwar dan fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Michael Carter</u>** tas-7 ta' Diċembru 2001 ingħad hekk:

> "Meta, (invece,) ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat."

Minn dawn is-sentenzi, huwa evidenti għalhekk illi l-artikoli tal-liġi fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali magħmul ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali, huma dawk li dwarhom il-Qorti, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, trid tiddeċiedi, sakemm dawn ma jkunux qegħdin iżidu xi reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni.

[23] Hawnhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Farrugia</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ottubru 1962.

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti tqis illi għalkemm l-imputat, permezz tal-ewwel imputazzjoni, ġie akkużat b'dak li l-Qorti tifhem huwa t-tentattiv ta' omiċidju, minkejja li l-kliem li bih ġiet redatta din l-imputazzjoni huwa tassew infeliċi, fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali indika l-artikoli fuq ċitati u ma indikax l-artikoli fil-Kodiċi Kriminali li jirreferu għal dan ir-reat, li jfisser għalhekk illi din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fit-termini tal-ewwel imputazzjoni, iżda fit-termini tal-artikoli tal-Avukat Ġenerali illi jirreferu biss għall-offiża fuq il-persuna, f'dan il-każ, offiża ħafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni u tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar ir-reat indikat mill-Avukat Ġenerali fl-artikoli minnu ċitati, li fil-fatt huwa kkontemplat fit-tieni imputazzjoni. B'dan illi hawnhekk irid jingħad ukoll illi filwaqt illi t-tieni imputazzjoni tindika l-offiża ta' natura ħafifa, fl-artikoli ċitati minnu, l-Avukat Ġenerali ma ndikax biss l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, iżda żied ukoll l-aggravju kkontemplat fl-artikolu 221(2) fuq ċitat, li ma jidher imkien fiċ-ċitazzjoni odjerna. Issa veru illi dan mhuwiex reat ieħor jew reat ġdid, iżda ovvjament - u għalhekk huwa msejjaħ 'aggravju' - jirrendi r-reat li bih ġie oriġinarjament mixli l-imputat aktar gravi tant illi l-piena ma tibqax dik ikkontemplata taħt l-artikolu 221(1) ossia dik ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, iżda tiżdied għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin. Kif ingħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** fuq ċitata, fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti u kemm il-darba l-imputat jiġi akkużat bħala awtur ta' reat, il-Qorti tista' ssib ħtija ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat inqas gravi, kompriż u nvolut f'dak ir-reat jew ta' kompliċita` fl-istess reat, imma minn imkien ma jirriżulta illi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali jista' jirrendi reat iżjed gravi. La l-Avukat Ġenerali dehrlu illi mill-kumpilazzjoni setgħet tinstab ħtija fl-imputat anke tal-aggravju taħt l-artikolu 221(2), allura dejjem seta' jitlob żieda fiċ-ċitazzjoni odjerna, b'tali mod illi l-kumpilazzjoni kienet tkun tkopri wkoll ir-reat kif aggravat. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk la darba l-posizzjoni tal-imputat qed tiġi mibdula u reża ferm iżjed oneruża biż-żieda tal-artikolu 221(2) tal-Kodiċi Kriminali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju u dan billi l-Avukat Ġenerali rrenda r-reat aktar gravi minn dak li kien oriġinarjament mixli bih l-istess imputat, il-Qorti tqis illi għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess aggravju.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-ħin li twettqu l-allegati reati ma kienx hemm persuni oħra fil-viċinanzi u għalhekk ma kienx hemm xhieda okulari tal-akkadut. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar ir-reita` o meno tal-imputat fid-dawl tax-xhieda tal-allegat vittma u tal-verżjoni mogħtija mill-

imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu, fejn huwa jiċħad l-allegazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti tosserva illi minkejja ċ-ċaħda tal-imputat dwar l-aggressjoni allegata fil-konfront tiegħu, huwa jistqarr fatti li huma ta' relevanza u li jorbtuh mal-fatti allegati mix-xhud prinċipali ossia l-allegat vittma.

L-ewwel minn dawn tirrigwarda d-dintorni li fihom kien l-imputat fil-ħin li, skont il-vittma, huwa ġie aggredit. Mistoqsi fejn kien jinsab qabel waslu l-Pulizija għall-ħabta tal-10.45 p.m., huwa jistqarr illi huwa kien fuq il-bajja ta' Birżebbuġia ħdejn l-istazzjon tal-karozzi tal-linja, jikkonsma xorb alkoħoliku fuq bank, u li minn hemm proċeda lejn id-dar, fejn wara marru l-Pulizija. Għall-kompletezza jingħad ukoll illi l-imputat stqarr illi huwa kien fil-kumpanija ta' sieħbu Abdulrahman, liema terz madankollu baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tosserva fir-rigward tal-lok indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna bħala l-lok fejn seħħew l-allegati reati ossia l-Bajja s-Sabiħa ta' Birżebbuġia, illi għalkemm Awes Abdulkadir ma jsemmix fix-xhieda tiegħu fejn seħħ eżattament l-inċident in kwistjoni, għajr illi jgħid illi kien ħdejn il-Bank of Valletta, Birżebbuġia, fir-rapport tal-Pulizija ġie indikat illi *a tempo vergine* dan qal lill-Pulizija illi "*waqt li kien qieghed Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia, qala daqqiet b'sikkina.*"[24] Veru illi dan il-kliem baqa' kliem fuq kliem ħaddieħor, iżda mill-banda l-oħra l-Qorti tqis illi l-imputat stess ikkorrobora dan il-kliem rigwardanti l-lok in kwantu huwa stess jistqarr illi kien jinsab fuq il-bajja qabel waslu l-Pulizija ħdejn ir-residenza tiegħu.

It-tieni fatt relevanti li jemerġi mill-istqarrija tal-imputat hija l-konferma tiegħu illi waqt illi kien fuq il-bajja, huwa talab lil persuni oħra sabiex jagħtuh is-sigaretti. Dwar dan huwa jgħid hekk: "*I asked many people for cigarettes not just one person*"[25]. Fil-fehma tal-Qorti dan ikompli jsostni l-verżjoni ta' Abdulkadir fis-sens illi huwa jgħid illi l-imputat talbu s-sigaretti.

It-tielet fatt relevanti hija l-konferma illi lill-allegat vittma l-imputat kien jafu u kien jaf ukoll illi dan joqgħod Birżebbuġia. Skont hu xi ġimgħa qabel, dawn kellhom argument; fatt dan illi fil-fehma tal-Qorti, ikompli jispjega r-raġuni għaliex Abdulkadir identifika lill-imputat mill-ewwel u mingħajr tlaqliq, hekk kif rah. Dan ma kienx l-ewwel skontru bejn l-imputat u Abdulkadir, kif fil-fatt jikkonferma wkoll Abdulkadir fix-xhieda tiegħu.

Ir-raba' fatt relevanti huwa dak li stqarr l-istess imputat illi jikkonferma illi huwa kien għadda minn ħdejn Abdulkadir fil-lejl in kwistjoni, iżda skont hu, baqa' sejjer lil hemm stante illi Abdulkadir kien fis-sakra. Filwaqt illi huwa jiċħad illi

[24] A fol. 15 tal-proċess.
[25] A fol. 8 tal-proċess.

kien aggredixxa lill-allegat vittma, huwa jgħid illi dan qallu bil-lingwa Somala *inter alia* illi kien se jara li jiġi arrestat. Fir-rigward il-Qorti tqis illi dan juri illi fil-lejl in kwistjoni l-imputat u Abdulkadir fil-fatt iltaqgħu, kif jgħid ukoll l-istess Abdulkadir.

Apparti dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar il-fatti li jemerġu mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, il-Qorti qed tqis ukoll il-komportament u l-imġieba tax-xhud Abdulkadir fuq il-pedana tax-xhieda, inkluż ukoll illi *a tempo vergine* huwa mill-ewwel identifika lill-imputat bħala l-aggressur tiegħu, kif wara kollox għamel ukoll fix-xhieda tiegħu fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Qed tqis ukoll in-natura tal-ġrieħi li sofra l-istess Abdulkadir li huma konsoni mal-aggressjoni li huwa ddeskriva, u illi mix-xhieda u ċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr. Carlo Refalo jirriżulta illi kienu "*stab wounds*". Dan għalhekk jikkorrobora x-xhieda tal-vittma, li jgħid illi l-imputat tah daqqiet ta' sikkina. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u minkejja illi tali sikkina baqgħet ma nstabitx la fuq il-persuna tal-imputat u lanqas fid-dintorni, il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-jum, fil-ħin u fil-lok in kwistjoni, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-imputat ikkommetta offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Awes Abdulkadir, u dan fit-termini tal-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Stabbilita r-rabta bejn l-imputat u l-ġrieħi li sofra l-vittma, kif ukoll illi l-istess ġrieħi saru b'użu ta' sikkina, jeħtieġ illi din il-Qorti tikkunsidra r-reati kkontemplati fl-artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju u li huma wkoll il-mertu tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Hawnhekk irid jingħad ukoll illi għalkemm l-Avukat Ġenerali, fin-nota tiegħu, indika l-artikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher illi dan sar bi żvista, stante illi dan l-artikolu tal-liġi jistabilixxi illi l-egħmil taħt l-artikolu 5(1) tal-istess Kapitolu jammonta għal reat u jipprovdi l-piena fir-rigward tal-istess. L-artikolu 5(1) jgħid hekk:

> Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta'dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att.

Dan ir-reat ċertament illi mhuwiex wieħed minn dawk li l-imputat ġie mixli bihom oriġinarjament u li dwarhom saret il-kumpilazzjoni odjerna, u fl-atti ma jissemmew imkien la armi tan-nar u lanqas munizzjon. Għaldaqstant, il-Qorti

qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan l-artikolu indikat fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali.

L-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

Il-Qorti tinnota illi għalkemm jirriżulta mill-provi prodotti illi l-imputat kien fil-pussess ta' sikkina, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx prova illi l-istess imputat ma kellux liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija għall-ġarr 'il barra minn xi fond ta' tali sikkina, fit-termini tal-artikolu 6 hawn ċitat. Fil-kamp penali l-Qorti ma tista' tassumi xejn u kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-prova in sostenn tal-akkużi li bihom l-imputat jinsab mixli. Għaldaqstant l-imputat mhuwiex qed jinstab ħati ta' dan ir-reat u b'hekk tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Jifdal għalhekk illi l-Qorti tikkunsidra r-reat ikkontemplat fl-artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jgħid hekk:

> Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min –
>
> (a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew
>
> (b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt,
>
> ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.

Fir-rigward l-artikolu 2 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "armi regolari" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt illi l-imsemmi artikolu 64 jgħid hekk:

> (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.

Il-Qorti tqis illi fin-nuqqas ta' prova dwar it-tip ta' sikkina li ntużat mill-imputat matul l-aggressjoni tiegħu fuq il-persuna ta' Awes Abdulkadir, ma tistax tistabilixxi jekk din l-arma kinitx waħda regulari fit-termini tas-sub-artikolu (1) jew kinitx altrimenti waħda irregulari fit-termini tas-sub-artikolu (2) tal-istess Kapitolu 64. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat ravviżat fl-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat kif aggornata ta# Novembru 2022.

Qed tqis ukoll in-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż in-natura tal-aggressjoni fil-konfront tal-vittma, il-mezzi wżati f'din l-aggressjoni u l-ġrieħi sofferti mill-istess vittma. Qed tqis ukoll mill-banda l-oħra illi matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, il-vittma xehed illi kien qed jaħfer lill-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi piena ta' priġunerija tkun waħda idonea.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt illi qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni u ssib lill-imputat **Hassan Jama Hassan** mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minnhom, qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah għall-piena ta' **tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva**, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li fih il-ħati nżamm taħt arrest preventiv biss in konnessjoni mal-każ odjern.

Għar-raġunijiet fuq indikati, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravju mertu tal-artikolu 221(2) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-artikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba rigwardanti l-ispejjeż ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u dan stante illi ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri.

Ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Awes Abdulkadir Mumin (ID 0127980(A)), qegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur l-istess Awes Abdulkadir Mumin fil-konfront tal-ħati Hassan Jama Hassan, permezz ta' liema huwa qed jiġi pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-istess Awes Abdulkadir Mumin u milli jikkomunika mal-imsemmija persuna. Tali Ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien tliet (3) snin li jibdew jiddekorru mid-data tal-iskadenza tal-piena erogata b'din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikser dan l-Ordni u dan fit-termini tal-artikolu 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna li dan l-Ordni jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

La darba l-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati, ma jidhrilhiex illi huwa neċessarju illi tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kodiċi Kriminali, oltre illi fir-rigward tal-artikolu 412Ċ tal-istess Kodiċi, applikat id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu in kwantu u sa fejn dawn huma applikabbli taħt l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali.[26]

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[26] Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi dawn l-artikoli ġew indikati fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali.